

*Sensiela Bubaqra fl-Antik*

# Ismijiet ta' Postijiet fl-Inħawi ta' Bubaqra

## *Widien, Irdumijiet, Xagħri u Kampanja*

**Raymond Schembri**

Madwar ir-raħal ta' Bubaqra nsibu għadd t'oqsma ta' raba' u widien li l-mod kif inhuma magħrufin man-nies tal-inħawi, hu t'interess partikolari. Fil-kampanja ta' madwar Bubaqra, insibu għadd ta' widien imdawrin b'irdumijiet għoljin li wħud minnhom qishom swar li jaqtgħu ħesrem għal ġol-baħar, fosthom il-lok magħruf *tal-Imsaqqaf – Wied Fulija, Ta' Milħa, Ta' Port, Wied Brandina* u oħrajn. Mal-kosta nsibu għadd ta' ismijiet bħal: *It-Tirxija, Tal-Ħaġra, Il-Minkba, Il-Minġba*, u oħrajn, li juru l-istess għamla ta' blat f'dawk l-inħawi.

Bħalma diġà għidt, fl-inħawi ta' Bubaqra hemm għadd ġmielu ta' widien, fosthom *Wied Ganu, Wied*



L-Għar ta' Wied Ħallelin.



It-torri tal-Wardija.

*Diegu, Wied Karlott, Wied Fulija, Wied Brandina, Wied Ħareb, Wied Ta' Żeża, Wied Il-Bassasa u Wied Il-Ħallelin* li tinżel għalih minn skaluni tal-ħadid ingastati fi-blat. Dawn kienu twaħħlu mill-militar fit-Tieni Gwerra Dinjija. Sa meta twaħħlu dawn l-iskaluni, it-tfal u oħrajn akbar kienu jixxabbtu biex jinżlu ġol-għar. Ma' dan l-għar hemm marbut rakkont leġġendarju. Jingħad li f'dan l-għar wara li jidlam kienet tiltaqa' ġemgħa ta' ħallelin u hemmhekk kienu jippjanaw kif għandhom iwettqu s-serqiet tagħhom. Għalhekk dan il-wied jissejjaħ *Wied Ħallelin*.

Il-*Mixroff* hu isem ta' akkwata mimlija siġar tal-ħarrub u jinsab fil-*Wied Ta' Żeża*. Dan il-wied mimli raba' jasal sa fejn hemm il-benniena tat-triq ftit 'l isfel mit-Torri Tal-Wardija, u minn hemm jibda wkoll Wied Ħallelin li jispara għal fuq il-*Wied Tal-Bassasa*. Semmejt it-*Torri Tal-Wardija*, dan t-torri kien wieħed mit-tlettax-il torri li nbnew fi żmien it-treġija tal-Gran Mastru Martin De Redin. Biex wieħed jasal għal dan it-torri, jekk ikun ġej min-naħa ta' Bubaqra, irid l-ewwel jinżel niżla wieqfa u mbagħad jitla' telgħa xejn inqas wieqfa. Hawnhekk jissejjaħ: *Is-Sellum* fejn jien għamilt referenza għalih aktar 'il fuq bħala l-benniena.

L-isem ta' *Bassasa* jirreferi għall-ħoss li jagħmel l-ilma baħar meta jkun maltemp. Mal-ġenb ta' *Wied Bassasa* (fuq in-naħa tax-xellug), hemm id-daħla tal-*Bassasa*, faċċata ta' *Ġebel Maqtugħ* u hemm issib għar mhux fond, kważi daħla fil-blat u taħtu hemm għar ieħor taħt il-livell tal-baħar u jibda eżatt minn mal-ħafa. Dan l-għar għandu bokka fuq, u meta jkun maltemp jibda jiżvojta u jimtela bl-ilma baħar u jibda jagħmel ħoss tal-bass u jibda jispara l-ilma 'l fuq u tkun qisek qed tara balena tispara l-ilma meta titla' f'wiċċ il-baħar. Għalhekk dan il-post jissejjaħ *Bassasa*. Int u nieżel lejn id-daħla tal-*Bassasa* fuq in-naħa tal-lemin, hemm blata ftit imżerżaq u din hi magħrufa *Punta Mustaċċa*. Minn hawn kien isir is-sajd għall-kaħli billejl.



*Wied il-Bassasa.*



*Ras l-Indjan.*

Fuq in-naħa tax-xellug tad-daħla tal-*Bassasa*, mal-irdum hemm lok li ngħidulu *Ras l-Indjan*, u dan minħabba li mal-blat hemm forma ta' ras t'Indjan Apachi ffurmata mill-blat stess. Daqs 50 metru aktar lejn ix-xellug hemm post imsejjaħ *L-Irħiser* u hawn issib żewġ għerien ħdejn xulxin. Fi żmien il-lampuki, id-dilettanti tas-sajd anke jorqdu f'dawn iż-żewġ għerien. Fit-tarf ta*l-Irħiser* hemm lok ieħor imsejjaħ *Bieb Għar Ħamiem*, u dan jgħidulu hekk minħabba li fih ikun hemm il-ħamiem maħrub għax hemm il-qattara tal-ilma. Dan huwa għar li biex tidħol fih hemm periklu mhux ħażin. Maġenb *Bieb Għar Ħamiem* hemm blat għoli magħruf bħala *l-Kap*. Dan jissejjaħ hekk minħabba li dan l-irdum huwa maħruġ 'il barra lejn il-baħar ftit aktar minn irdumijiet oħra.



*L-Għar tal-Irħiser.*



*L-awtur ta' dan l-artiklu, is-Sur Raymond Schembri, f'Bieb Għar Ħamiem.*

Min-naħa tal-lemin tal-*Bassasa* ssib post imsejjaħ *Ġebel Maqtugħ* u dan jgħidulu hekk minħabba li l-blat jidher li hu maqtugħ mill-bniedem u mhux naturali. Tkompli sejjer lejn il-lemin hemm lok ieħor imsejjaħ *L-Għar tal-Għassa*. Hawnhekk taħt l-irdum hemm għar kbir ġol-baħar u minn fuqu jsir sajd bin-nases għall-vopi. Aktar fuq il-lemin issib lok ieħor imsejjaħ *L-Għarajfa*. Hawnhekk ukoll issib għar u hu magħruf bħala l-*Għar tal-Għarajf*a.



*Ġebel Maqtugħ.*

*Wied Brandina* jinsab fejn kien hemm il-barriera *Ta' Ċomba*, fil-fatt qiegħed taħt ġenb il-barriera. F'dan il-wied issib ħafna siġar indiġeni u niftakar li aħna



*Wied Brandina.*

t-tfal ta' Bubaqra konna mmorru nonsbu bit-trabokki għall-pitirrossi u kif konna nkunu hemm, konna naqtgħu ż-żimżim (Amżalor) għax kien hemm is-siġar tal-Amżalor f'dan il-wied. Il-frotta taż-żimżim (għax hekk konna ngħidulha t-tfal ta' Bubaqra) kienet frotta, li meta ssir tiġi kulur aħmar, għamla ta' tuffieħa żgħira daqs ċentimetru jew ftit aktar. Ħdejn *Wied Brandina* nsibu medda blata għolja magħrufa bl-isem *Ta' Port*, u minn hemm ħafna dilettanti tas-sajd kienu jmorru bin-nases għall-vopi u ċ-ċawl, u billejl kienu jmorru jistadu għall-kaħli. Minn jaf kemm il-darba mort ma' missieri għall-vopi u l-kaħli f'dan il-post magħruf bħala *Ta' Port*.



*Iż-Żurżieqa u l-Lembija.*

Aktar ma tersaq lejn *Wied Fulija*, hemm post ieħor magħruf b'*Ta' Milħa*. *Ta' Milħa* hija medda blat għolja ħafna u taqta' ħesrem għall-baħar. Niftakar lejn l-aħħar tas-snin sittin kien inħadem film f'Malta li kien jismu *Eye Witness*, u kien hemm ħafna partijiet minnu li nħadmu f'dawn l-inħawi. Fosthom l-aħħar parti tal-film, fejn taqa' vettura tal-pulizija mill-irdum għall-baħar. It-tfal ta' Bubaqra kollha konna hemm nosservaw din il-*Land Rover* biex narawha taqa' mill-irdum ta' dan il-post. Niftakar li ma kienux ħallewna nittawlu minħabba l-*filming*, imma aħna hemmhekk konna nafuh xiber b'xiber u minn hawn u minn hemm rajna kollox. Il-*Land Rover* kienet mimlija *tyres* minfuħin biex meta taqa' għal isfel ma tegħriqx

malajr, u meta waqgħet u ħabtet mal-ilma, kwantità kbira ta' *tyres* ħarġu mill-vettura. Ħadna ħafna pjaċir b'din l-avventura u domna ħafna nitkellmu fuq din l-esperjenza għal ħafna żmien.



*L-Għar ta' l-Għassa.*

Daqs nofs kilometru bogħod minn *Ta' Milħa* ssib *Wied Fulija*, wied kbir mhux ħażin u jaqta' ħesrem ukoll għall-baħar. Nikkalkula li fejn jaqta' dan il-wied, hemm għoli mal-għaxar sulari jew aktar. Fix-xitwa t-tfal ta' Bubaqra konna spiss immorru *Wied Fulija* nilagħbu ta' *cowboys* u kien ikun hemm ħafna ħofor kbar mimlija bl-ilma tax-xita u noqogħdu naqbdu l-biżringi. Kien hemm għadira kbira b'dijametru ta' xi 20-25 metru u din kien ikollha ħafna biżringi. Mhux darba u tnejn kien ikun hemm xi tifel li jinżel fiha u mbagħad jaqa' ġol-ilma u jieħu għawma bla ħsieb. Illum *Wied Fulija* jinsab meqrud, għax xi nies bravi, snin ilu twebblu li jagħmluh miżbla ta' Malta kollha. X'ħasra, kemm kien sabiħ!



*Wied Fulija.*

Man-naħa ta' *Wied Fulija* hemm medda ta' għoli ħafna, madwar 25-30 sular għall-baħar u hawn ngħidulu *L-Imsaqqaf*. Dan jissejjaħ hekk peress li l-blat aktar kemm tinżel 'l isfel, aktar jidħol 'il ġewwa. Taħt *L-Imsaqqaf* hemm għar kbir li tista' tidħol bid-dgħajsa ġo fih u hu sabiħ ħafna u jżomm ħafna frisk. Dan ngħidulu *L-Għar tal-Imsaqqaf*. Fuq in-naħa tax-xellug ta' dan l-għar ta*l-Imsaqqaf*, hemm borġ kbir



*L-Imsaqqaf.*

immens ta' ġebel kbir li kien waqa' minn fuq meta kienet sfrondat medda blat. M'għandix idea meta ġara dan, però x-xjuħ ta' tfuliti kienu jirrakkontaw storja interessanti li kienu semgħu huma meta kienu tfal. Dawn kienu jgħidu li taħt dan il-borġ ġebel kbir kien hemm għar kbir ħafna u fih kienu jidħlu xi sajjieda bid-dgħajjes għall-kenn, u f'dak il-waqt sfrondat dik il-medda blat u ntradmu hemm waqt li kienu jistkennu. Dan ir-rakkont ma nafx jekk hux leġġenda jew verità.



*Wied Karlott.*

Aktar lejn il-lemin ta' *Wied Fulija*, hemm lok ieħor li ngħidulu *L-Irdum Tal-Bajtra*, minħabba li f'nofs l-irdum hemm il-bajtar tax-xewk. Dan l-irdum ma tistax tinżel għalih għax perikoluż ħafna, għalkemm ġieli smajt li kien hemm xi wħud li niżlu. Aktar ma tersaq lejn il-lemin (jiġifieri lejn *il-Bassasa*), issib meded kbar ta' xagħri u dawn konna nsibuhom fix-xagħri *Taċ-Ċali - Taċ-Ċuse' – Ta' Xartu* u oħrajn, sa ma tasal fuq *L-Irħiser* li semmejt aktar 'il fuq.

Bubaqra kienet u għadha miżgħuda b'ħafna kampanja li tibqa' sejra sa Ħal Far. Jekk wieħed jgħaddi *mill-Imtali* (mogħdija mibnija b'ħajt wiesgħa f'nofs l-għelieqi) malajr jasal f'xagħra mdaqqsa magħrufa bħala *L-Qortin*. Int u sejjer mill-*Qortin* għan-naħa ta' *Wied Fulija*, wieħed irid jaqsam qasam ta' art kbira magħrufa bħala *Ta' Soru*. Dan l-isem

ġej mill-fatt li antenati ta' qassis miż-Żurrieq, Dun Gejt Muscat imlaqqam *Ta' Soru* kellhom ir-raba' f'dawn l-inħawi. Ta' min jgħid li din il-medda art li qed insemmi, antikament kienet magħrufa bħala *Ix-Xagħra Ta' Gużman*.

Insibu wkoll għadd ta' postijiet li isimhom hu marbut m'ismijiet ta' pjanti, ħxejjex jew siġar bħal ngħid aħna *Wied Fulija, Ta' Żnuber, Bur Lanġasa, Id-Deru, Iż-Żebbuġa, Tal-Bajtra, Ta' Landar u kif ukoll Tax-Xewki*. Sal-bidu tas-sebgħinijiet *f'Tax-Xewki* kien hemm stazzjon tar-radju tal-militar Ingliż u kienu jxandru minn hemm programmi tal-BFBS (*British Forces Broadcasting Station*). Niftakar is-suldati li kienu stazzjonati hemm kienu jiġu jixorbu l-birra fil-ħanut tax-xorb tagħna, li kellna fil-pjazza ta' Bubaqra. Għadni niftakar xi wħud minnhom li kien jisimhom bħal George, Michael, Dennis u John. Dennis kien jinnamra ma' tfajla min-Nigret u John kien iżżewweġ tfajla minn Bubaqra. Dawn kollha kienu uffiċjali tar-radju. Fil-ħanut tagħna kellna radju kbir tal-valvi u tgħidx kemm kienu jkantaw u jagħmlu allegrija, speċjalment meta missieri kien idawwar il-frekwenza għal fuq il-*Weelus Radio Station*. Dan l-istazzjon tar-radju kien tas-servizzi Amerikani u kien ixandar għall-Amerikani li kien hemm stazzjonati fil-Libja. Ġieli morna ħdejhom meta ma kienx ikollna skola u kienu jagħtuna *toast* bil-butir. Qishom tawna d-dinja, kemm konna nieħdu pjaċir. Dak iż-żmien ħadd ma kellu *toaster* id-dar għax kulħadd kien jixwi l-ħobż fuq il-*Valor* (spiritiera) jew fuq il-ħatab. Dan li għadni kif għidt kienu s-snin sittin.

Għadd t'ismijiet juru li fiż-żminijiet imbegħda, seta' kien hemm xi nies joqogħdu f'dawn il-postijiet. Fost l-oħrajn insibu *Tal-Għarajjex, Kalb Il-Għarib,Ta' Slielem, Ta' Sardin, Id-Dejma, In-Nadur, Tat-Torrijiet u Wied Ħareb*. Jista' jkun li f'*Wied Ħareb* fiż-żminijiet tal-qedem, kien hemm xi bini għaliex kif juri l-istess isem, kulma fadal minnu hu biss ħerba ta' dak li xi darba kien hemm. Post li ismu hu marbut ma' wieħed mill-aktar passatempi popolari man-nies ta' Bubaqra, hu dak magħruf bħala tal-*Imnasab*. Billi dan il-post qiegħed qrib ħafna tal-baħar, din in-naħa tkun waħda mill-ewwel postijiet li jilħqu l-għasafar tal-passa. Għal din ir-raġuni ħafna dilettanti bnew l-imnasab tagħhom f'dawn l-inħawi.

Hemm ukoll żewġ oqsma kbar ta' raba' li jmissu ma' xulxin u nsibuhom bl-isem *Ta' Ħarbux* u *l-Barlott*. Fuq il-qasam *Ta' Ħarbux* nista' ngħid li qatt ma smajt xejn mingħand ix-xjuħ ta' Bubaqra. Fuq il-qasam *Tal-Barlott* juri li f'xi żmien dan il-qasam kbir ta' raba' seta' kien ta' xi wħud li kienu jagħsru l-għeneb għall-inbid. Ta' min jinnota li *barlott* hu bħal bettija mdaqqsa li fiha kienu jqiegħdu l-inbid biex jiffermenta.

*Ta' Santa Marija* u *Tal-Bambina* kienu żewġ oqsma oħra ta' raba' f'Bubaqra. Ta' min jiftakar li ġo Bubaqra kien hemm kappella (illum knisja), ddedikata lil Santa Marija, filwaqt li fl-imgħoddi kien hemm kappella oħra ddedikata lit-Twelid tal-Madonna. Illum din il-kappella m'għadhiex teżisti. Jista' jagħti l-każ li f'dawn l-inħawi kien hemm xi raba' li miegħu kien hemm marbutin xi piżijiet li kellhom jitwettqu f'dawn iż-żewġ kappelli, u b'hekk baqgħu magħrufin b'dan l-isem.

*Bur Lanġasa* wkoll kien qasam kbir ta' raba' li jibda minn fejn it-torri ta' Bubaqra u jibqa' sejjer sal-inħawi ta' San Luqa. Minn dan il-qasam ta' raba' kien jinħaraq in-nar kollu tal-festi ewlenin li jsiru fiż-Żurrieq. Sas-snin sebgħin familja waħda kienet toqgħod *Bur Lanġasa*, dik ta' Ġużeppi Camilleri mlaqqam *Tar-Rik*. Illum *Bur Lanġasa* sar kollu bini u minn ġo nofsha għaddiet it-triq li jisimha *Vjal L-Indipendenza*.


Pantera
Fashion Wear
Blue Grotto Avenue, Żurrieq
Tel: 2164 7460